# TAGĦRIF U PROMOZZJONI

maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI.



# Il-Ħames Libertajiet tal-Annimali

5

# Dawn huma l-Ħames Libertajiet tal-Annimali

It-trattament xieraq tal-annimali jdur ma' dawk li nsejħulhom il-ħames libertajiet tal-annimali, bl-Ingliż jissejħu, *The Five Freedoms of Animal Welfare.* Dan ifisser illi s-sidien tal-annimali huma obbligati li jkunu jafu x'inhuma u japplikawhom.

## 01

**KULL ANNIMAL GĦANDU JKOLLU AĊĊESSIBBLI** ilma frisk u ikel bnin sabiex saħħtu tkun ikkurata tajjeb.



## 02

**KULL ANNIMAL GĦANDU JKOLLU DAK IL-POST** addattat fejn jistrieħ u jistkenn mill-elementi naturali tat-temp.



## 03

**KULL ANNIMAL GĦANDU JIĠI EŻAMINAT** għal xi mard minn veterinarju.



## 04

**KULL ANNIMAL GĦANDU JKOLLU SPAZJU BIŻŻEJJED** fejn ikun qed jinżamm u possibilment jkollu wkoll kumpanija ta' annimali oħra.



## 05

**KULL ANNIMAL GĦANDU JKUN ŻGURAT LI JINŻAMM** f'kundizzjonijiet xierqa, li ma jsofrix dwejjaq mingħajr bżonn, u ma tkunx se ssirlu ħsara mentali.

# Lista ta' Lokalitajiet fejn insibu Parks għall-Klieb fil-Gżejjer Maltin

Ta' Qali

Marsaskala (Sant'Antnin Family Park)

Ħaż-Żabbar

San Ġwann

Nadur (Għawdex)

# Lista ta' bajjiet fejn jistgħu jgħumu l-klieb

Daħlet ix-Xmajjar, Armier

Torri l-Abjad, Armier

L-Aħrax, Mellieħa

Baħar iċ-Ċagħaq (wara Splash and Fun)

Il-bajja tal-Imġiebaħ, Selmun

Il-bajja tar-Rinella, il-Kalkara

Fortina - Tigne Point, Tas-Sliema

Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk

Il-Magħluq, viċin Marsaxlokk

Żonqor Point, Marsaskala

Mġarr ix-Xini, Għajnsielem (Għawdex)

Ta' Xejni, Marsalforn (Għawdex)

# L-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb

L-identifikazzjoni elettronika, tal-klieb hija waħda mill-modi kif jiġi identifikat l-annimal.

L-identifikazzjoni elettronika (*Microchip*) tal-klieb hija ċippa żgħira ħafna (bejn wieħed u ieħor fiha daqs rossa).

Din tingħata mill-veterinarju f'forma ta' injezzjoni.

Fiha jkollha numru ta' identifikazzjoni uniku għal kull kelb jew kelba.

Kull min għandu, jew kull min iġib kelb, huwa obbligat bil-liġi sabiex jassigura li l-kelb issirlu din l-identifikazzjoni elettronika.

Meta persuna tinstab ħatja li kisret din il-liġi, teħel multa ta' €300.

L-identifikazzjoni elettronika hija utli għax b'dan il-mod inqas sidien jaħqru jew jabbandunaw il-klieb u jekk il-kelb jaħrab iktar ikun hemm ċans akbar li dan jinstab minn sidu.

# Kont taf?




**01** Li huwa kontra l-liġi li tħalli l-kelb tiegħek mingħajr ċinga f'post pubbliku.

**02** Li s-sidien tal-klieb, huma obbligati li jiġbru l-ħmieġ meta l-kelb tagħhom iħammeġ f'post pubbliku.

**03** Li kull min għandu kelb huwa obbligat bil-liġi li apparti l-identifikazzjoni elettronika jagħmillu wkoll il-midalja li fuqha jkun hemm isem il-kelb u n-numru ta' sid il-kelb.

**04** Jekk titlef il-kelb tiegħek għandek iċċempel id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali fuq 1717 u tagħmel rapport fl-għassa tal-pulizija tal-lokal fi żmien 48 siegħa. Finalment, fi żmien 48 siegħa tavża d-Direttur tas-Servizzi Veterinarji.

**05** Li huwa kontra l-liġi li tieħu l-kelb tiegħek passiġata fuq ir-ramel minħabba raġunijiet marbutin mas-saħħa u l-indafa.

**06** Li qabel ma' ġġib annimal eżotiku dan irrid jiġi rreġistrat mad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji.

**07** Li inti tista' tirraporta fuq 1717 meta tkun taf b'każijiet ta' moħqrija fuq l-annimali.

**08** Li min jagħmel rapport relatat ma' moħqrija ta' annimali, jista' jibqa anonimu.

**09** Li min jinstab ħati ta' moħqrija fuq l-annimali, jista' jeħel multa li tibqa' tiela' sa €80,000 u jista' anke jeħel sa massimu ta' tliet snin (3) priġunerija!

**10** Li l-annimali mejtin li jkunu jgħixu barra jinġabru mid-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni. In-numru tad-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni huwa 1718.



**11** Li teżisti applikazzjoni għall-apparati mobbli *(mobile application)* bl-isem ta' Malta Animal Welfare li minnha tista' tirraporta każijiet ta' moħqrija fuq l-annimali, taddotta annimal, tirraporta li sibt animal mitluf u saħansitra iċċempel l-ambulanza tal-annimali.

# L-Ambulanza tal-Annimali

**Is-servizz tal-ambulanza tal-annimali huwa għal dawk l-annimali li jgħixu barra *(strays)* li jkunu mweġġa' jew morda.**

**IN-NUMRU TAL-AMBULANZA TAL-ANNIMALI HUWA**

**1717.**

L-ambulanza tal-annimali taħdem 24 siegħa kuljum, mit-Tnejn sal-Ħadd (inkluż fil-Festi Nazzjonali u fil-Btajjel Pubbliċi).

## GĦAMEL KUNTATT MAGĦNA:

*Indirizz Postali:*

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.
Floor 2, Regent Building, Triq it-Tiġrija, il-Marsa.

*Ħinijiet tal-ftuħ:* Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-08:00 sal-16:00

*Numru tal-Uffiċċju:* 2292 8618

*Sit Web:* www.commissioneranimalwelfare.gov.mt

*Posta elettronika:* caw.mafa@gov.mt